MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2289/2003

**Charles Vella**

**vs**

**George Incorvaja u b'digriet tat-2 ta' April, 2004 giet kjamata in kawza is-socjeta` J.G.S. Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) rapprezentanti l-prezz ta' materjal ordnat mill-konvenut minghand l-attur u debitament konsenjat;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fid-29 ta' Jannar, 2004, fejn intqal :**
**i. Illi huwa minnu li l-ammont pretiz huwa dovut ;**
**ii. Illi, ghall-integrita` tal-gudizzju ghandha tintervjeni fil-kawza s-socjeta` J.G.S. Furniture Ltd., li tieghu l-konvenut huwa azzjonist u direttur, u liema socjeta` hija kreditrici tal-attur fis-somma ta' elfejn u mitejn u tnejn u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2242.50) ;**
**iii. Illi, ghalhekk, minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandha ssir tpacija fuq l-istess bilanci dovuti.**

**Ra d-digriet tat-2 ta' April, 2004 li biha giet kjamata in kawza is-socjeta` J.G.S. Furniture Limited.**

**Ra l-eccezzjonijiet prezentati fl-20 ta' April, 2004, mis-socjeta` kjamata in kawza fejn intqal:**
**i. Illi l-konvenut George Incorvaja mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi meta kien jakkwista l-hgieg kien jakkwista ghan-nom tas-socjeta` eccipjenti;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut stante illi ghandha l-ewwel issir tpacija mill-ammont dovut mill-attur lis-socjeta` eccipjenti u cioe` is-somma ta' elfejn mitejn u tnejn u erbghin Lira u hamsin centezmu (Lm2242.50) ghax-xoghol ta' ghamara ordnat minnu.**

**Semgha x-xhieda ta' Charles Vella, Miriam Camilleri u George Incorvaja. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob somma ta' tmien mitt lira (Lm800) prezz ta' materjal ordnat mill-konvenut u kkonsenjat lilu. Il-konvenut ikkjama in kawza lis-socjeta' J G S Furniture Limited peress li jghid li din hi kreditrici ta' l-attur fis-somma ta' elfejn mitejn tnejn u erbghin u hamsin centezmu (Lm2524.50) u ghalhekk ghandu jkun hemm tpacija.**

**2. Is-socjeta' kjamata in kawza tghid illi George Incorvaja mhux il-legittimu kontradittur peress illi meta kien jakkwista materjal minghand l-attur kien jakkwistah ghall-istess socjeta' kjamata in kawza.**
**3. Jibda biex jinghad illi l-attur kien jaghti xoghol ta' hgieg u jirrizulta li dan ghalkemm kien jaghtih lill-konvenut fil-fatt in-negozju kien mas-socjeta' kjamata in kawza kif jirrizulta mid-Dok CV 1 u CV 2.**
**4. Is-socjeta' kjamata in kawza kienet hadmet bibien u vetrina ghall-attur u bintu. Skond l-attur kien hemm ftehim li l-kont tal-bibien inqata mill-kont tal-hgieg.**
**5. Jirrizulta illi meta wiehed inaqqas l-ammont ta' l-ghamara mahduma mis-socjeta' kjamata in kawza mill-ammont ghall-hgieg ordnat mill-istess socjeta' jibqa' bilanc ta' tmien mitt lira (Lm800). Id-Dok CV 1 sa CV3 jindika li dan il-bilanc ghadu dovut.**
**6. Kif xehed l-attur, "It-tmien mitt lira (Lm800) wasalt ghalihom peress illi ghall-bibien u ghall-vetrina ma kienx taghni stima………..Meta tnaqqas l-ammont ta' elf lira (Lm1000) tal-bibien tat-tifla, tlett mitt lira (Lm300) tal-vetrina, u tlett bibien bil-hamsa u sebghin lira (Lm75) -il wiehed, gie li baqa' d-differenza ta' tmien mitt lira (Lm800).**
**7. Dana l-ammont pero se jidher li huwa dovut, u hemm pratikament ammissjoni f'dan is-sens.**
**8. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut fil-konfront tal-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jillibera lill-konvenut George Incorvaja mill-osservanza tal-gudizzju u jilqa' t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' J G S Furniture Limited u jikkundanna lill-istess socjeta` thallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira (Lm800). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.**

**L-ispejjez tal-konvenut ghandhom ikunu a karigu ta' l-attur, filwaqt illi l-ispejjez tal-attur ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------